# Il-Vara tal-Madonna taċ-Ċintura l-istorja tagħha; mill-Vara ta' Chircop sal-Vara tal-Galard

Waħda mill-festi tant għal qalb il-Gudjani hija propju dik ta' Marija Omm il-Konsolazzjoni. Il-festa taċ-Ċintura kif nafuha llum taf il-bidu tagħha min meta l-parroċċa ta' Bir Miftuħ ġiet trasferita għall-Knisja l-ġdida tal-perit Tumas Dingli fuq l-għolja tal-Gudja. Propju fl-1728 kienet bdiet il-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura. Dan wara li f'dak iż-żmien kienu bdew ġejjin il-patrijiet Agostinjani li kull fejn bdew imorru bdew ixerdu d-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-Titlu tal-Konsolazzjoni. Fil-parroċċa ta' Bir Miftuħ jingħad li fost l-artali li kien hemm, kien hemm sottokwadru tal-Madonna tal-Bon Kunsill (Parir it-Tajjeb). Dan it-titlu ta' Ommna Marija huwa ukoll meqjus bħala titlu li hu għal qalb l-Agostinjani u b'hekk tista' tgħid li sa mill-bidu tal-parroċċa tagħna li bdiet din il-qima lejn il-Madonna taħt dawn it-titli.

Tul iż-żmien żdiedu diversi opri ġewwa l-Knisja Parrokjali l-ġdida, dan biex tkompla jissebbaħ it-tempju tant għaziz għall-Gudjani. Il-Fratellanza żgur li ma naqsitx milli issebbaħ il-Knsija b'diversi opri tal-arti. Fosthom ta' min isemmi l-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura li huwa xogħol Barokk li għalkemm mhux iffirmat huwa attribwit lil Francesco Zahra. Dan jingħad li ġie mill-Provinċja Agostinjana tal-Belt fejn meta twaqfet il-Fratellanza ġie moti b'rigal mingħand il-patrijiet Agostinjani. Biss fost l-aktar opri li żgur huma msemmija fil-raħal tagħna hija l-hekk imsejħa l-"Pupa ta' Marsilja", il-Vara tal-Madonna taċ-Ċintura li saret fil-Fabrika tal-Galard et Fils (Galard and sons) ġewwa Marsilja, belt fin-Nofsinhar ta' Franza. L-istatwa tal-Madonna għandha storja twila li tista' tgħid bdiet mal-ewwel ċentinarju tal-Fratellanza tagħna iġifieri 1828. Dan wara li fl-1807 fil-Gudja kienet ġiet il-vara ta' Dimech.

Fil-bidu tal-festi ma kienx ikun hemm statwa li kienet tinħareġ proċesjonalment fit-toroq tal-lokal li tkun qed tiġi iċċelebrata l-festa. Biss kienet tinħareġ purċissjoni li fiha kienu jieħdu sehem il-kleru (qassisin tal-parroċċa), lajċi u s-sehem tar-relikwa jew ostensarju skont il-festa ta' liem qaddis ikun. Bil-mod bdiet dieħla d-drawwa li qabel ir-relikwa jinħareġ kwadru bl-imaġini tal-qaddis jew qaddisa li tkun qed issirilha l-festa. Meta f'Malta kien hawn l-ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kienet bdiet dieħla din id-drawwa għalkemm kien propju lejn nofs il-ħakma tagħhom f'Malta li tista' tgħid li l-vari f'Malta ħadu spinta 'l quddiem. Qabel ma waslu Malta fl-1530 il-Kavallieri tal-Ordni kienu jsejħu lil darhom lill-gżira ta' Rohdi fin-nofsinhar tal-Greċja. Ħabba li huma kienu ukoll qawwa navali u b'hekk kollhom bosta iġfna u bastimenti. L-ikbar waħda fosthom kienet il-Gran Karrakka u li fiha kien hemm skultura ta' San Ġwann l-Elemożinier. Dan kien qaddis Ċiprijot li kellu devozzjoni kbira mill-Kavalieri tal-Ordni. Meta waslu Malta dan il-bastiment kellu jiżżarma wara li kien kbir wisq għall-port tagħna. B'hekk ħafna mill-partijiet tiegħu kienu ġew uzati f'affarijiet oħra. Fosthom din l-istatwa ta' San Ġwann; li maż-żmien sabet ruħha f'Kappella fil-limiti ta' Bormla.

F'dak iż-żmien bdiet tqum id-devozzjoni lejn San Ġużepp u b'hekk l-arċikonfreternità ta' San Ġużepp tar-Rabat talbu biex din l-istatwa tinatalhom ħalli tkun tista' tinħareġ fil-purċissjoni. Infatti din għadna nsibuha sal-lum bħala l-istatwa ta' San Ġużepp ix-Xiħ kif inhu mlaqqam. Tista' tgħid li din hija waħda fost l-ewwel vari proċessjonali li nsibu f'pajjiżna. Vara oħra li għandha storja twila hija l-Bambina tal-Isla. Li oriġinarjament kienet pulena ta' ġifen imfarrak li ġiet mogħtija b'donazzjoni lill-parroċċa l-ġdida tal-Isla u li bdiet isservi l-funzjoni ta' vara sa mill-bidu tas-seklu 15.

Fis-sekli ta' wara bdew jiżdiedu statwi skolpiti fl-injam u bil-mod il-mod kważi f'kull parroċċa kont issib xi xbieha skolpita fl-injam. Fost il-vari li bdew iterqu mat-toroq Maltin insibu lil Sant'Andrija f'Ħal Luqa, San Ġorġ f'Ħal Qormi u San Nikola fis-Siġġiewi fost l-oħrajn. Fost dawn il-vari kollha hemm ħaġa inkomuni; il-medju li ġie użat biex isiru dawn il-vari kien l-injam. Ftit huma dawk l-istatwi li fis-sekli qabel dak 19 kienu saru fil-kartapesta. L-iktar vari li kienu jinħadmu f'dak iż-żmien kienu jsiru fl-injam. F'dak iż-żmien li ssir vara kien kapriċ kbir dan għal fatt li bosta nies mill-irħula u ibliet ta' dak iż-żmien kienu bdiewa, b'hekk ma kellhomx il-flus biex jaħdmu l-vari. Biss xorta waħda kien hawn parti mill-popolazzjoni li kienet meqjusa bħala finanzjarjament f'qagħda tajba u b'hekk setgħu jkunu ta' benefatturi ta' dawn l-opri. Għalhekk il-poplu kien ikun jrid xogħol li kemm jista' jkun ikun xogħol tajjeb. Il-kartapesta kienet għada tiġi meqjusa bħala "Arte Povera" jew bil-malti l-Arti tal-fqir. Dan għal fatt li fil-kartapesta kienu jiġu użati materjali li kienu meqjusa bħala skart riċiklabli. Dan għax kien jintuża materjal bħal; xkora, karti, gazzetti u injam

Waħda min l-ewwel vari li nħadmu fil-kartapesta kien ir-Redentur tal-Isla li hija maħduma min awtur mhux magħruf. L-ewwel dokumentazzjoni tagħha nsibu li kienet diġà teżisti u kellha qima u devozjoni kbira lejha sa mill-bidu tas-seklu 18. Fejn insibu li l-istatwa hija magħmula minn struttura tal-injam li tissejjaħ "anima" li magħha jinżamm kollox. L-idejn, is-saqajn u l-wiċċ huma tal-kartapesta ippresseta f'forma. Biex l-awtur ħareġ il-forma tad-drapp u l-panneġġi permezz ta' tiben u silla. Wieħed mill-pijunieri tal-arti fil-kartapesta kien Saverio Laferla li kien beda jaħdem il-vari fil-medju tal-Kartapesta. Kien għex bejn l-1710 u l-1761. Kien pijunier għax huwa maħsub li huwa introduċa din il-midja, b'hekk huwa meqjus bħala l-ewwel statwarju Malti. Pijunier ieħor fix-xena tal-arti tal-kartapesta kien Carlu Darmanin. Kien fix-xena lejn nofs is-seklu dsatax sal-bidu tas-seklu 20. Kien statwarju li ħadem għal diversi rħula u kien tista' tgħid li beda t-tradizzjoni tal-armar tal-istatwi fuq barra. Kien f'dan iż-żmien li bdew jinġiebu l-vari minn Marsilja.

Fis-seklu dsatax il-poplu Malti kien għadda minn diversi avvenimenti ewlenin. Barra l-miġja tal-Ingliżi fil-bidu ta' dan is-seklu kienet il-pesta. Mhux talli ħafna Maltin kienu mietu iżda n-nies bdew iħossu n-nuqqas ta' kummerċ peress li l-vapuri ma bdewx jidħlu minħabba li l-gżejjer kienu f'kwarantina. Xi Maltin kienu ddeċiedew li jibdew jimigraw lejn artijiet oħra. Fost l-iktar destinazzjoni popolari kien propju l-port ta' Marsilja. Post fin-nofsinhar ta' Franza qrib l-Italja. Kien post li kien ifisser bidu ġdid għal bosta Maltin li hemm sabu refuġju mill-faqar li kien ħakem il-pajjiż. Sal-1815 kienet spiċċat l-epidemija u b'hekk il-Maltin setgħu jibdew jirkupraw. Fost l-affarijiet li ltaqgħu magħhom il-Maltin ġo Marsilja kienu propju d-diversi fabriki li kienu jagħmlu xogħol ta' statwi fil-kartapesta u fit-terracotta (tafal moħmi) u l-kwalità tajba li kellhom. Fost il-fabbriki li l-iktar li intogħġob ix-xogħol tagħhom kienet il-fabrika "Galard et Fils" (Galard and Sons). Din kienet fabrika li kienet tagħmel l-istatwi għal diversi parroċċi fir-reġjun. Fost l-iktar ammont ta' statwi min ta' din il-fabrika nsibu r-reġjun tal-Alpi speċjalment f'Cote d' Azur.

Il-Kelma tiġri u malajr waslet l-aħbar Malta li f'Marsilja qed jinħadmu statwi l-ġmiel tagħhom u malajr kien hemm bosta parroċċi u fratellanzi li riedu jaħdmu vara għand din id-ditta. L-ewwel vara li nġiebet minn din il-fabrika kienet propju l-vara tal-Pietà li tinsab fil-parroċċa tax-Xewkija. Din waslet fix-Xewkija fl-1860. L-ewwel vara Titulari kienet għall-parroċċa taż-Żebbuġ ġiet tliet snin wara iġifieri fl-1863. Maż-żmien bosta parroċċi f'Għawdex kellhom il-vara titulari tagħhom maħduma għand din il-fabrika. Ta' min isemmi l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl, tal-Bambin tax-Xagħra u ta' Loretu ġewwa Għajnsielem. Biss il-vari f'Malta ma żdiedux daqs kemm bdew jiżdiedu lejn l-aħħar tas-seklu 20. Hekk kif f'Malta kien beda jiżdied il-kummerċ u l-kuntatti mal-artijiet qrib tagħna.

L-istorja biex inġiebet il-vara tal-Madonna taċ-Ċintura tista' tgħid li bdiet mill-bidu tas-seklu 19. Fejn fil-Gudja kienet ġiet il-vara tal-Assunta maħduma minn Vincenso Dimech. Sa dan iż-żmien li tuża statwa titulari maħduma fil-kartapesta kienet xi ħaġa li ma kinitx ta' użanza fost il-poplu. Il-Maltin kienu jippreferu x-xogħol fl-injam għall-fatt li kien meqjus bħala xogħol li kien jirrikjedi paċenzja u sena kbira mill-artist biex jinħoloq. Biss mhux dejjem kien possibbli għall-Maltin li joħolqu dawn il-vari fl-injam. Biss fil-Gudja nistgħu ngħidu li aħna konna iffurtunati għall-fatt li l-vara Titulari u l-vara l-antika tal-festi sekondarji huma t-tnejn skolpiti fl-injam u t-tnejn għandhom valur artistiku kbir fejn mill-Barokk naraw il-bidla fl-istill Neo Klassiku. Dan kien effett li l-ħakma Ingliża ġabet magħha. Dawn il-vari tista' tgħid saru grazzi għall-benefatturi Gudjana li għalkemm ma kienux foqra bħall-bqija tar-raħħala xorta waħda wrew ġenerosità liema bħala billi lill-poplu Gudjan tawh dawn iż-żewġ opri tal-arti Maltija.

L-ewwel vara li kienet tinħareġ proċessjonalment fil-Festa tal-Madonna taċ-Ċintura kienet dik li tinsab fil-Knisja Filjali tal-Lunzjata. Biex narfu r-raġuni għala din il-vara kienet saret sa mill-bidu rridu mmorru u naraw il-vara tal-Assunta. Fejn kien ikun hemm vara tal-Madonna ġeneralment kienet tinħareġ iktar minn darba. Kważi f'kull festa tal-Madonna kienet tinħareġ statwa tal-qaddisa. Bħal pereżempju l-vara tal-Madonna li nsibu fil-Qrendi li kienet baqgħet tintuża sal-wasla tal-vara ta' Santa Marija. L-Assunta tal-Gudja hija l-ewwel vara li kienet inħadment biex tiffigura lil Ommna Marija tiegħla fis-sema. Din kienet tħalset minn Dun Tumas Zammit li dan kien benefattur tal-Knisja parrokjali. Wara xi 20 sena li kienet qed tintuża l-istatwa tal-Assunta qam il-ħsieb li tinħareġ ukoll għall-festi sekondarji. Dawn kienu tal-Warda (fl-ewwel Ħadd ta' Mejju), taċ-Ċintura (Ħadd fuq it-28 t'Awwissu) u tar-Rużarju (fl-ewwel Ħadd t'Ottubru). Biss għal dawn il-festi kulma kienet tinħareġ kienet purċissjoni bir-relikwa tal-Madonna.

Fil-bidu ta' dan is-seklu l-idea li tinħadem statwa għall-festa waħda kienet naqa ġdida u għalhekk in-nies ħasbu biex jużaw il-Vara titulari. Biss il-qraba ta' Dun Tumas ma riedux u mill-kurja ħareġ digriet li l-vara ta' Santa Marija ma tistax tinħareġ fl-ebda festa oħra għajr dik tal-Assunta tal-15 t'Awwissu. B'hekk il-poplu Gudjan issa spiċċa biex kellu jikkuntenta bil-kleru u bir-relikwa waqt il-festi sekondarji. Biss ma tantx damet hekk is-sitwazzjoni għax kien hemm nies li talbu lil ċertu sinjorina Grazzjulla Dalli biex tħallas bi spejjeż tagħha vara ta' Madonna bil-Bambin biex tkun tista' tintuża għall-festi sekondarji kollha. Din Grazzjulla kienet xebba u kellha żewġ ħutha qassisin. Kienu familja minn tat-tajjeb u b'hekk setgħu jkunu benefatturi għall-knisja tagħna. Dawn mhux biss kienu benefatturi għall-knisja iżda anke għall-Fratellanza taċ-Ċintura li huma lkoll kienu membri minnha, fejn saru bosta opri li ġew imħalsa minnhom. Fosthom Dun Anġlu Dalli kien ħallas biex jinkesa l-artal bl-irħam, filwaqt li Dun Ġużepp Dalli kien talab biex l-artal taċ-Ċintura jieħu l-privileġġi t'artal maġġur. Is-sinjorina Grazzjulla Dalli kienet aċċettat bil-qalb din it-talba għax kien ifisser li l-inkwiet kien ser jonqos u kulħadd kien jkun kuntent.

Din il-vara tal-Madonna bil-Bambin kienet saret mill-iskultur Senglean Antonio Chircop. Xi snin qabel kien skolpixxa r-raba' vara tal-Assunta fil-gżejjer Maltin iġifieri dik tal-Qrendi. Kien propju fl-1851 li l-vara tal-Madonna kienet bdiet isservi l-funzjoni tagħha propju dik ta' vara sekondarja. Din il-vara li fortunatament għadna ngawdu sal-lum grazzi għan-nies li għandhom għal qalbhom lir-raħal u l-opri jissalvagwardjhom min-nies egojisti. Fl-istatwa nsibu Il-Madonna tinsab wieqfa fuq globu li jissimbolizza lid-dinja u taħt saqajha sħab li jirrappreżentaw li hija reġina tas-sema u tal-art. Kif ukoll jistgħu jiġu interpretati bħala metafora għall-ħsieb tal-ġenna. Liebsa libsa ħamra b'mantar blu li jirrappreżentaw l-umanità u d-divinità ta' Marija rispettivament. F'idha x-xellugija għandha lil binha Ġesù filwaqt li l-oħra hija imtawla 'l barra b'subajja fil-qada bħallikieku qed iżommu xi oġġett. Dan biex hemm jintlibes il-ħaġa li tkun qed tissimbolizza l-festa. F'Mejju l-warda, f'Settembru ċ-ċintura u f'Ottubru l-kuruna.

Din kienet tinżamm fejn illum hemm in-niċċa tal-Madonna ta' Lourdes. Fejn tul is-sena kien jiġi mibdul is-simbolu li kienet tinżamm f'idha. Ġara li għall-festa tal-Warda l-bukket f'id il-Madonna kien jibqa' hemm sal-festa taċ-Ċintura u li b'din kienet tibqa' xahar biss sal-festa tar-Rużarju fejn tiġi mlibbsa l-kuruna. Kienet tibqa' biha sal-festa tal-Warda. B'hekk il-vara ta' Chircop kienet iddum minn Ottubru sa Mejju bil-kuruna u b'hekk in-nies kienet iktar bdiet tidraha bit-titlu tar-Rużarju u b'hekk baqgħet imfittxija bħala l-Madonna tar-Rużarju mentri fir-rikors tal-kurja kien hemm miktub li din kienet statwa ta' Madonna b'Bambin u li kellha tintuża miż-żewġ fratellanzi.

Maż-żmien beda jinqala l-inkwiet fuq l-irfiħ tagħha dan għaliex hija kienet ta' kulħadd u b'hekk kulħadd kien ikun irid jerfgħa xi biċċa fil-purċissjoni. Biss ġeneralment dan kollu kien jinqala fil-festa ta' Settembru iġifieri dik ad unur il-Madonna taċ-Ċintura. Mhux l-ewwel darba li kienu jsiru xi vendikazzjonijiet biex l-istatwa ta' Chircop ma tinħariġx f'din il-festa. Fejn jew kienet tinħeba xi lasta u b'hekk ma tkunx tista' tinġarr jew inkella tinħeba ċ-ċintura. Biss waħda mill-ġlidiet li kienet tibqa' tissemma kienet dik tal-1890 meta għal xi raġuni l-fratelli tar-Rużarju nsistew li jerfgħu fil-Madonna fil-festa taċ-Ċintura. Il-Fratelli taċ-Ċintura oġġezzjonaw bil-kbir u kienet inqalet waħda kbira. B'hekk kif għaddiet il-festa ta' dik is-sena l-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Lawrenz Debono li kien xebgħa jinkwieta fuq din il-kwistjoni tal-Madonna ta' Chircop kien sejjaħ għal prokuratur tal-Fratellanza taċ-Ċintura. Dan ma kien ħadd ħlief Giovanni Mangion (Ġanni Mangion) jew kif kien isibu kulħadd bħala n-niggieżi.

Il-laqgħa tal-Kappillan man-niggieżi ma kienet fuq xejn ħlief il-kwistjoni tal-vara. Kif għedna qabel f'dak iż-żmien kienu bdew ġejjin bosta statwi maħdumin ġewwa Marsilja. L-eqreb vara minn tal-Galard kienet dik ta' San Ġużepp ġewwa Ħal Kirkop. Il-Kappillan kien jaf bil-kwalità ta' xogħol li kien qed jinġieb minn din il-fabbrika. Kien hemm l-aġent tagħhom il-belt u meta wasal Mangion, Dun Lawrenz kien pront issuġġerixxa biex issir vara tal-Madonna taċ-Ċintura li tintuża mill-Fratellanza taċ-Ċintura biss. Ġanni mill-ewwel laqgħa din l-istedina biss kien jaf li daħal għal spiża li ċ-ċinturanti kienu ser iħossuha mhux ħazin biss kien jaf ukoll li kienet ħa tinġabar żgur. L-ewwel li kien ta għall-ispejjeż tal-vara kien propju Dun Lawrenz stess li minn butu kienw l-ewwel wieħed li ta sitt skudi lin-niggieżi.

Mangion kien saqsa lil sieħbu lil ta' qanbas biex jgħinu fl-ordni tal-Vara. L-ewwel qabel xejn kienu marru jaraw b'għajnejhom stess x'kwalità ta' vari kienu jinġiebu minn hemm. Kienu intogħġbu ħafna u iddeċidew li jordnaw waħda għand id-ditta Galard. Din il-vara kienet damet sentejn biex issir u kienet waslet għall-festa tal-1892. F'dan iż-żmien kienet laħqet inġabret is-somma meħtieġa u setgħet titħallas il-vara tant għal qalbna li din is-sena qed nikkomemoraw il-125 mill-wasla tagħha fostna. F'dik is-sena il-vara kienet inġarret fuq żewġt itwavel u kien iktar tard li ġie maħdum il-pedistall.

L-ewwel bradella li kienet tintuża għall-vara taċ-Ċintura kienet inġiebet mill-kolleġġjata ta' Bormla. Kienet il-bradella li kienet tintuża għall-vara tad-Duluri. Din kienet inbidlet ma' waħda magħmula apposta għall-vara taċ-Ċintura u li hi dik li għadna naraw illum. Il-pedistall u l-vara jixdu l-istil li kien komuni li jintuża dak iż-żmien l-iktar fl-arkitettura u l-arti li magħhom kienu ġabu l-ingliżi. Il-pedistall jagħti iktar impressjoni gotika milli dik barokka jew neoklassika li mdorrijin naraw taħt bosta vari. Il-pedistall hu f'għamla tawwalija u fin-nofs għandu l-iskudetti fejn fihom hemm simboli; tal-Madonna fuq wara u quddiem u tal-Agostinjani fil-ġnub. Maż-żmien żdied il-ganutell li l-fjuretti ta' mal-vara kienu jiġu mislufa għall-festa ta' Santa Marija sakemm saru set.

Tul iż-żmien sarulha diversi affarijiet biex għandha id-dehra ta' kif narawha llum. Fil-bidu il-polikramija tal-vara kienet iktar ċara milli dik li naraw illum. Infatti jekk tanalizza l-vari li nġiebu minn hemm wieħed jinnotta li l-kuluri li kienu jiġu użati kienu kuluri pastelli (qishom il-

kuluri tal-perlini, kuluri ċari). Il-Madonna nistgħu nassumu li kellha l-libsa kulur roża filwaqt li l-kulur tal-mant li bħalissa narawh fl-għamla ta' kulur blu skur oriġinarjament kien ċelesti. Dawn il-kuluri nistgħu nassumu kif kienu billi natu ħarsa lejn vari oħra li jinsabu fil-gżejjer Maltin li saru hemm. Fosthom il-Madonna tas-Sokkors ġewwa Kerċem u l-Madonna tar-Rużarju ġewwa l-istess lokalità u ġewwa ż-Żebbuġ li l-istess vara tintuża għall-Madonna tal-Għażżiela. F'dawn il-vari naraw kulur ċelesti sabiħ li l-probabiltà kienet li dan kien il-kulur użat għall-mant. Kif ukoll il-kulur roża tal-libsa tal-Madonna tal-Għażżiela (Żebbuġ) u Rużarju (Għarb u Kerċem) kien abbli l-istess kulur użat fuq il-vara taċ-Ċintura. Dawn il-kuluri nistgħu narawhom fl-ewwel Ritratt li għandna tal-Vara fejn il-kuluri jidhru li huma ċari għalkemm ir-ritratt m'huwiex bil-kulur biss l-iskala ta' griż tidher li l-kuluri huma pastelli u mhux dawk li naraw illum. Dawn inbidlu biex jatu d-dehra tal-ilbies fuq vari tal-Madonna li mdorrijin naraw, fejn il-blu u l-aħmar jissimbolizzaw id-divinità u l-umanità.

Fost il-vari ta' Marsilja tista' tgħid li hawn ġerarkija tal-istatwi. Fejn wisq probabli li skont il-budget tal-individwi l-fabbrika kienet taħdem l-istatwa. Ta' min jinnota d-differenza fit-teknika bejn il-vari tal-Assunta taż-Żebbuġ u l-Bambina tax-Xgħara fejn din tal-aħħar hija iktar fina fl-għamla ta' panneġġjatura filwaqt li taż-Żebbuġ hemm l-użu ta' mannikkin b'karti, xkejjer jew drapp użati biex joħolqu l-effett tad-drapp. Hemm ukoll ġerarkija bejn il-vara tal-Bambina u il-vara tal-Madonna tal-Loretu ta' Għajnsielem, li din hija l-uniku waħda tax-xorti tagħha fil-gżejjer għax ġiet indurata u bl-anġli. Din il-ġerarkija hemm bżonn li tiġi istudjata biex b'hekk jkolna iktar tagħrif fuq dawn l-istatwi minn tad-ditta Galard et Fils ta' Marsilja.

Il-vara taċ-Ċintura hija unika fil-gżejjer għax għalkemm inġiebet minn fabbrika li ħadmet diversi statwi Marjani f'Malta hija propju l-uniku waħda fejn idejn il-Madonna minflok qedgħin imtawwlin 'il barra qegħdin qrib qalbha. Bħal donnu l-artist ried jikkomunika l-fatt li permezz taċ-Ċintura ħa jkun iktar qrib tagħha u qrib binha Ġesù. Il-Madonna għandha libsa ħamra u li mottija għandha l-mantar blu, li jfisser il-misterjożità tad-divinità tagħha bħala omm Alla u ommna. Il-figura tagħha tinsab wieqfa u qed tagħmel pass 'il quddiem biex donnu tersaq iktar viċin tagħna bil-Bambin fi ħdana jbierek lil kull min ikun qed jara. Bl-inkin ta' rasha qed tindika fejn għandna naslu u b'idha l-leminja l-għajnuna li ser ittina biex naslu għand Binha.

Mal-Vara ta' Marsilja bdew jintrabtu ħafna ġrajjiet u li tista' tgħid kabbru d-devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura. Fost l-iktar stejjer popolari hija dik ta' kif ġie deċiż il-laqam tal-"Pupa ta' Marsilja".

Hekk kif waslet il-port il-prokuratur flimkien ma' xi nies marru għaliha bil-karettun u meta waslu marru għand il-prokuratur. Illum din id-dar għadha teżisti u tinsab faċċata tan-niċċa tal-Madonna taċ-Ċintura li hemm fi Triq Raymond Caruana f'kantuniera ma' Triq Santa Katerina. Hemm niżżlu l-kaxxa li fiha kien hemm l-istatwa ta' Marsilja. Kulħadd tista' tgħid kien ħerqan għall-wasla tagħha u l-kurżità kienet qed telgħeb bosta. Il-kaxxa nfetħet u bdew ineħħu t-tiben li kien hemm madwarha biex jipproteġija biex ma tinkisirx. Biss hekk kif ra Ġanni Mangion inħasad u nfaqa jibki dan għaliex għal xi raġuni l-Madonna kienet skurat bit-trab li kellha u kienet kważi ta' lewn sewdieni. F'dak il-mument bħal donnu ħassu li kien iddiżappunta lil kulħadd u beda jgħid "maddonna sewda ġabulna". Biss wieħed minnhom kien mar biex imiss lil wiċċha biex jara hu minnu biss hekk kif dan għamel dan ħareġ il-lewn divin tal-istatwa. U qallu "hawn ħa ara din Pupa minn ta' Marsilja". Minn hemm tista' tgħid li dan il-laqam wisq sabiħ kien beda jintuża.

Nagħlaq bil-kliem ta' Raymond Mahomey: Għax lilek sew jingħad il-Kliem, ta' Marsilja il-ġmiel. Sbuħija immensa O' Marija ta' Smewwiet.

Ta' min nirringrazzjaw lil missierijietna li permezz tagħhom u tas-sagrifiċċji tagħhom setgħet saret din l-opra li għadna ngawdu sal-lum.